

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 281/2009

tas-6 ta' April 2009

## li jissospendi l-applikazzjoni tad-dazji tal-importazzjoni fuq ċerti kwantitajiet taz-zokkor industrijali għas-sena tas-suq 2009/2010

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 142, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 142 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, sabiex jiġu ggarantiti l-provvisti meħtieġa għall-produzzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 62(2) ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni tista' tissospendi, għal kollox jew parzjalment, l-applikazzjoni tad-dazji tal-importazzjoni għal ċerti kwantitajiet ta' zokkor.
- (2) Sabiex jiġi żgurat li l-provvisti meħtieġa għall-produzzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 62(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jkunu disponibbli bi prezz li jikkorrispondi mal-prezz tas-suq dinji, is-sospensjoni sħiħa tad-dazji tal-importazzjoni fuq iz-zokkor maħsub-

għall-produzzjoni ta' dawk il-prodotti hija fl-interess tal-Komunità għas-sena tas-suq 2009/2010, għal kwantità li tikkorrispondi ma' nofs il-ħtiġijiet tagħha taz-zokkor industrijali.

- (3) Għalhekk, il-kwantitajiet tal-importazzjoni taz-zokkor industrijali għas-sena tas-suq 2009/2010 għandhom jiġu stabbiliti skont dan.
- (4) Il-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli ma ta l-ebda opinjoni fiż-żmien stipulat mill-President tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

Għas-sena tas-suq 2009/2010, is-sospensjoni tad-dazji tal-importazzjoni għandha tiġi applikata għal kwantità ta' 400 000 tunnellata zokkor industrijali li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1701.

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Ottubru 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 6 ta' April 2009.

Għall-Kummissjoni  
Mariann FISCHER BOEL  
Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.